MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 21/2003/1

**Carmel Attard**

**vs**

**Il-Prim Ministru, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. F'din il-kawza r-rikorrenti Carmel Attard qieghed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq u ghal protezzjoni minn diskriminazzjoni fi proceduri li saru kontrih fil-Qorti Kriminali u fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ir-

rikors promotur, prezentat fil-15 ta' Lulju 2003, jaghti d-dettalji kollha ta' din l-allegazzjoni u jitlob lill-Qorti li taghtih ir-rimedji opportuni xierqa.

2. Fil-kors tal-kawza, li ghadha li qed tinstema' quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, ezattament fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2004, ir-rikorrent Carmel Attard talab li jtella' bhala xhud lil Ian Farrugia. Ir-rikorrent ried lil dan ix-xhud biex jixhed dwar il-proceduri kriminali li fihom kien mieghu ko-imputat, biex jixhed dwar is-separazzjoni tal-gudizzju, dwar il-fatti u c-cirkostanzi relatati ma' l-i*state of mind* kemm tieghu u kif ukoll tar-rikorrent matul il-proceduri kollha.

3. Fl-istess udjenza d-difensur ta' l-intimati, wara li rrileva illi x-xhieda ta' Ian Farrugia ma kienitx rilevanti f'din il-kawza, in kwantu kienet mitluba biex suppost issir prova biha ta' l-istat mentali tar-rikorrenti fiz-zmien rilevanti. L-istess difensur, issottometta wkoll illi f'din il-kawza ma tistax issir evalwazzjoni mill-gdid ta' fatti izda jista' jsir biss ezami tal-kostituzzjonalita` tal-proceduri impunjati.

4. Fl-istess udjenza jidher li d-difensuri ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar dan l-incident u jirrizulta li l-Qorti irrizervat li tipprovdi fis-seduta li jmiss fuq l-istess incident. Ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghas-seduta tas-27 ta' Jannar 2004, sabiex taghti l-provvediment taghha.

5. Fl-imsemmija seduta tas-27 ta' Jannar 2004, l-ewwel Onorabbli Qorti ivverbalizzat hekk:
"Meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrenti.

Il-Qorti b'referenza ghat-talba tar-rikorrent maghmula fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2004, tammetti bhala xhud lil Ian Farrugia fit-termini ta' l-istess talba tenut kont tal-fatt li dan kien ko-imputat mieghu fil-proceduri kriminali.

Il-kawza qed tigi differita ghal dan l-iskop ghall-11 ta' Frar 2004 fin-nofs siegha."

**II L-APPELL**

6. L-Onorevoli Prim Ministru hassu aggravat minn dan il-provvediment u, ghar-ragunijiet minnu esposti fir-rikors tieghu tat-30 ta' Jannar 2004, talab lill-ewwel Onorabbli Qorti li taghtih permess specjali biex jintavola appell mill-imsemmi digriet taghha fit-termini tal-ligi u dana sabiex il-vertenza bejn il-partijiet dwar l-argini ta' din il-kawza u dwar ir-rilevanza tax-xhieda proposta mir-rikorrent tkun tista' tigi deciza definittivitament f'dan l-istadju. Din it-talba ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru giet opposta mir-rikorrenti Carmel Attard kif jidher fin-nota a *fol.* 69 tal-process ipprezentata fil-25 ta' Frar 2004. L-ewwel Qorti bid-digriet taghha tat-18 ta' Marzu 2004, wara li ma laqghetx l-oppozizzjoni tar-rikorrenti Carmel Attard, laqghet it-talba ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru u akkordat il-permess biex isir appell mid-digriet impunjat *ai termini* ta' l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12.

7. Effettivament, l-intimat Onorevoli Prim Ministru intavola appell quddiem din il-Qorti fl-24 ta' Marzu 2004. Bih qieghed jitlob li dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-digriet impunjat u minflok tilqa' l-oggezzjoni ta' l-appellant u tiddikjara li x-xhieda ta' Ian Farrugia in kwantu mitluba biex permezz taghha tingieb xi prova dwar l-istat mentali tar-rikorrent fiz-zmien meta ammetta l-akkuzi migjuba kontrih fil-Qorti Kriminali hija irrilevanti u inammissibbli f'din il-kawza. Il-motivi li l-appellant ressaq quddiem din il-Qorti biex jissostanzja din it-talba tieghu, fi kliemu stess huma s-segwenti:

"1. Illi l-opozizzjoni ta' l-esponent ghall-produzzjoni tax-xhud Ian Farrugia biex jixhed dwar l-istat mentali tar-rikorrent fiz-zmien rilevanti kienet, fil-fehma ta' l-esponent korrettement, bazata fuq il-fatt illi l-parametri ta' din il-kawza huma limitati ghall-ezami tal-kostituzzjonalita` u tal-konformita` mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' proceduri kriminali illi gew decizi finalment b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u li ghalhekk il-provi mressqa f'din il-kawza ma jistghux jinkludu s-smigh ta' xhieda bl-iskop illi jzidu ma' jew ibiddlu l-provi mressqa fil-process kriminali jew il-fatti li abbazi taghhom dak il-process gie deciz.

2. Huwa car illi r-rikorrent ma jistax jipprova jinqeda bl-azzjoni dwar drittijiet u libertajiet fondamentali taht il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea biex effettivament jerga' jappella minn dak li gie deciz fil-qrati kompetenti f'materja penali. Effettivament ir-rikorrent qieghed jipprova jaghmel dan billi jressaq linja ta' xhieda (u b'mod partikolari lil Ian Farrugia) intizi biex jippruvaw illi r-rikorrent ma wettaqx ir-reati illi huwa stess ammetta li wettaq quddiem il-Qorti Kriminali u li allura l-Qorti Kriminali kienet oggettivament zbaljata meta ikkundannat lir-rikorrent anke jekk fuq ammissjoni. Illi huwa car illi l-produzzjoni tax-xhud Ian Farrugia hija intiza biex tiftah kapitolu assolutament irrilevanti fil-provi migjuba f'din il-kawza u li dan m'ghandux jigi permess.

3. Illi l-fatt illi Ian Farrugia kien ko-akkuzat mar-rikorrent fil-process kriminali, ir-raguni migjuba mill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-akkoljiment tat-talba ghall-produzzjoni ta' dan ix-xhud, ma jirrendix ix-xhieda ta' dan Ian Farrugia awtomatikament rilevanti ghal din il-kawza specjalment jekk dak illi dan ix-xhud jingieb biex jixhed dwaru jkun jaqa' barra l-parametri ta' l-ezami li jista' jsir f'din il-kawza."

8. l-appellat Carmel Attard ma ipprezentax risposta ta' l-appell. Pero`, huwa ikkontesta dan l-appell, kif jirrizulta mit-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' April 2004, f'liema seduta l-kawza thalliet ghall-provvediment ghas-seduta tal-lum.

## <u>II KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

9. F'din il-kawza l-appellat Carmel Attard qieghed jallega li l-mod kif tmexxew il-proceduri kontra tieghu kemm mill-Qorti Kriminali u kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali jikkostitiwixxi vjolazzjoni tad-dritt tieghu fundamentali ghal smigh xieraq kif ukoll diskriminazzjoni politika. Ir-rikors promotur tieghu javanza diversi allegazzjonijiet ta' natura fattwali biex jipprova jsostni l-allegazzjoni tieghu li fil-kors ta' l-imsemmija proceduri kriminali kontrih sehh ksur ta' l-imsemmija drittijiet fundamentali. Ir-rikorrent qieghed jitlob biex huwa jinghata r-rimedji opportuni u xierqa ghall-kaz.

Fost dan l-allegazzjonijiet ta’ natura fattwali jistghu jissemmew hawn is-segwenti:

- L-allegazzjoni li la r-rikorrent u lanqas id-difensur tieghu ma nghataw zmien xieraq u sufficjenti sabiex jippreparaw id-difiza quddiem il-Qorti Kriminali.

- L-allegazzjoni li d-difiza giet effettivatament impeduta li tiehu konjizzjoni tax-xhieda ta’ Nicholas Jensen kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

- L-allegazzjoni li r-rikors ta’ Carmel Attard ipprezentat fit-22 ta’ Jannar 2001, quddiem l-ahhar imsemmija Qorti sabiex jinstemghu bhala xhieda Nicholas Jensen u Ian Farrugia baqa’ ma giex iddegretat mill-Qorti li ghaddiet ghas-sentenza taghha li biha ikkonfermat is-sentenza precedenti tal-Qorti Kriminali.

- L-allegazzjoni li hu ma nghatax l-opportunita` li jissostanzja l-allegazzjoni tieghu li l-ammissjoni gudizzjarja li kien ghamel ma kienitx volontarja ghaliex giet mgieghlha jew mehuda b’theddid jew b’biza, jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi.

10. L-ewwel riflessjoni li trid taghmel din il-Qorti hija li kull min qieghed jippartecipa f’dan il-process ghandu dejjem jiftakar li din mhijiex xi kawza ta’ l-appell tat-tielet istanza biex jigu riveduti l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-Qrati ta’ gudikatura kriminali. Dak li jrid jigi investigat u finalment deciz f’din il-kawza huwa precizament jekk f’dawk il-proceduri ta’ natura kriminali kienx hemm xi sitwazzjonijiet jew fatti partikolari li, singularment jew fl-assjem taghhom, jissostanzjaw l-allegazzjoni ewlenija tar-rikorrent, li l-process kriminali, bil-mod li tmexxa, kien jilledi d-drittijiet fondamentali li r-rikorrent isemmi fir-rikors promotur tieghu. Fi kliem l-iehor, kif sewwa jinghad fir-rikors ta’ l-appell odjern, il-parametri li fihom ghandha tkun arginata l-odjerna kawza, ghandhom ikunu limitati ghall-ezami tal-kostituzzjonalita` u tal-konformita` mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-

proceduri kriminali li ghadda minnhom ir-rikorrenti Carmel Attard.

11. Riflessjoni ohra li ghandha taghmel il-Qorti hi li r-rikorrenti Carmel Attard ma ghandux jigi mfixkel jew impedut milli jithalla jaghmel il-provi li jissostanzjaw l-allegazzjonijiet li qed jaghmel f'din il-kawza, *purche`* li dan kollu jsir fid-dawl ta' dak li nghad fil-paragrafu precedenti. Infatti kull prova li ghandha tingieb ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni u ghall-vertenza attinenti ghal din il-kawza. Huwa d-dmir tal-Qorti li tichad li tingieb kull prova li l-Qorti jidhrilha li mhijiex rilevanti jew li hija zejda jew li jidhrilha li mhijiex l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-Qorti ta' l-ewwel istanza tgawdi minn setgha diskrezzjonali wiesa' hafna ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-gbir tal-provi. Infatti gie kemm-il darba ritenut illi din il-Qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell bhala norma generali ma jiddisturbax id-diskrezzjoni li tezercita l-Qorti li tkun qed tisma' l-provi ghar-rigward tar-rilevanza ta' l-istess provi. Biex din il-Qorti tasal li tiddisturba din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jkunu jridu jirrikorru ragunijiet gravi u serji u fuq kollox impellenti. Ara f'dan is-sens il-kawza fl-ismijiet Eddie Micallef vs *L-Attorney General* u l-Kummissarju tal-Pulizija deciza minn din il-Qorti diversament komposta fis-27 ta' April, 1993.

12. Fid-dawl ta' dak kollu li nghad aktar fuq, din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-process kif ukoll wara li qieset sewwa l-konsiderazzjonjiet u s-sottomissjonijiet kollha li l-abbili difensuri tal-kontendenti ghamlu fis-seduta tat-23 ta' April, 2004, waslet ghall-konkluzjoni li ma tara li giet avvanzata ebda gustifikazzjoni gravi jew impellenti li tinklinaha biex tikkonsidra favorevolment l-aggravju ta' l-appellant. Billi l-kawza ghadha qed tinstema' quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza jkun prematur illi din il-Qorti ta' revizjoni tinoltra ruhha fi spjegazzjonijiet u f'approfondiment tal-konkluzjoni msemmija li waslet ghaliha din il-Qorti.

13. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru u ghalhekk tikkonferma d-digriet

impunjat – bl-ispejjez ta’ dan l-incident jibqghu kollha a karigu ta’ l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------